# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Ottubru 2019.**

**Numru 11**

**Rikors numru 312/10 AL**

**Isabelle Mifsud Taliana**

**v.**

**Joseph Mifsud**

Preliminari

1. Dawn huma zewg appelli, wiehed principali maghmul mill-attrici u l-iehor incidentali maghmul mill-konvenut minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fil-5 ta' Dicembru 2018 li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet, *inter alia*, billi: ippronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija ugwali ta' sevizzi fil-konfront ta' xulxin, kif ukoll minhabba inkompatibilita` ta' karattru; ordnat

li l-postijiet Numru 20 Triq l-Imrabat Tas-Sliema, Numru 28 Sqaq 1 Triq San Gorg ir-Rabat, Ghawdex u l-garaxx bl-isem “Joe Garage” fi Triq Kent, il-Fgura jinbieghu fuq is-suq miftuh, u mir-rikavat, fl-ewwel lok, il-konvenut jithallas is-somom parafernali dovuti lilu ta’ €18,000 u €78,789.15 kif ukoll l-imghax legali li jiddekorri fuq l-istess somom kif spjegat fil-korp tas-sentenza appellata u l-bilanc jinqasam b’mod ugwali bejn il-partijiet; ordnat li l-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk tal-mandat ta’ deskrizzjoni numru 91/14, jigu sopportati mill-partijiet b’mod ugwali bejniethom.

<u>Fatti</u>

2. Il-partijiet izzewwgu fit-23 ta’ Gunju 1984 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal li fiz-zmien tal-prezentata tar-rikors guramentat fit-2 ta’ Settembru 2010 it-tifel kellu 21 sena u kien ghadu student *full time* fil-livell ta’ edukazzjoni terzjarja, filwaqt li t-tifla kellha 16-il sena. Wara konvivenza matrimonjali ta’ circa 23 sena, il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali fis-6 ta’ Marzu tas-sena 2007 u immedjatament wara kien dahal f’relazzjoni ta’ hbiberija bil-miftuh ma’ mara ohra; eventwalment din ir-relazzjoni intensifikat ruhha b’mod li ghadha ghaddejja sallum.

<u>Is-Sentenza Appellata</u>

3. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

"**<u>Dwar ir-Responsabilita tat-Tkissir taż-Żwieġ</u>**

"Il-Qorti tirrileva illi taqbel mal-konklużjonijet milħuqa mill-abbli Perit Legali u cioe illi ż-żwieġ tkisser irrimedjabilment b'tortijiet ugwali taż-żewġ partijiet.

"Min-naħa tal-attur Joseph Mifsud, m'hemm l-ebda dubju illi filwaqt li kien jipprovdi finanzjarjament għall-familja, qatt ma ttenta jassisti lil martu fit-trobbija ta' kuljum ta' uliedhom. Ħalla r-responsabilita` kollha fuq spallitha inkluż it-tqassim tal-flus sabiex tlaħħaq mal-ispejjeż kollha, filwaqt li hu baqa' bil-liberta` kollha għaddej minn kors għall-ieħor għall-avvanz tal-karriera tiegħu. Fil-waqt illi bla dubju il-kunċett ta' *lifelong learning*, huwa pożittiv u rakkomandabbli, jidher illi s-sur Mifsud, esaġera billi ta' kull sena, mingħajr eċċezzjoni, kien jinvolvi ruħu f'iktar studju u eżamijiet. Il-Qorti tirrileva illi minkejja li l-mara tizzikah matul dawn il-proċeduri dwar in-numru eċċessiv ta' korsijiet li kien jieħu, u jekk verament kienx juża l-ħin tiegħu fuq l-istess korsijiet, xorta waħda ma pproduċiex iċ-ċertifikati relattivi fl-atti ta' din il-kawża, sabiex il-Qorti jkollha s-serħan tal-moħħ illi tassew huwa kien qiegħed iqatta' ħinu fuq dawn il-korsijiet. Fil-ħin li huwa kien jiddedika għal dan l-istudju, ix-xogħol tal-familja waqa' kollu fuq il-mara.

"Jirriżulta wkoll illi r-raġel għandu karattru pjuttost riżervat, xejn ħażin f'dan, għajr illi huwa kien għal kollox sieket minn ma' martu f'dak illi kien qiegħed idejqu fiż-żwieġ, biex b'hekk hi kien mingħaliha li kollox għaddej ward u żgħar, filwaqt illi huwa kien għaddej b'terremot ta' emozzjonijiet li lilha qatt ma wrieha. Seta kien il-każ li kieku tkellem dwar il-lanjanzi tiegħu qabel, huma setgħu jindirizzawhom bħala koppja, u jsalvaw iż-żwieġ. B'hekk meta ġurnata fost l-oħrajn huwa ma felaħx iżjed u telaq mid-dar ħabta u sabta, lill-mara ħalliha tassew sorpriża għaliex ma kinitx qiegħda tistenna dan. Huwa tkellem meta, min-naħa tiegħu kien ħa d-deċiżjoni li sejjer jitlaq definittivament, li kienet għalih *a point of no return*, u t-tentattivi ta' xi ħbieb sabiex jirrikonċiljawhom sfumaw fix-xejn.

"L-intimata m'hijiex mingħajr ħtija fit-tkissir ta' dan iż-żwieġ. Hija tipprova tpinġi lilha nnifisha bħala vittma tal-aġir ta' żewġha, iżda kif tista' tikkonstata l-Qorti, bħala mara m'hijiex dgħajfa iżda assertiva ferm u mhux it-tip ta' mara faċilment vittimizzata. Il-Qorti tapprezza l-uġigħ li kien jgħaddi minnu r-raġel meta kien ġie reż daqs ATM, magna li tużaha sempliċiment biex tiżbanka l-flus; meta sab ruħu suppost sħab fiż-żwieġ ma' mara li trid tgħaddi dejjem tagħha. Inoltre jidher illi l-mara wkoll kienet toħroġ ma' sħabha regolarment, saħansitra tmur tqatta' tmiem-il ġimgħa Għawdex, filwaqt illi r-raġel kien jibqa' d-dar mal-ulied. Il-kontroll finanzjarju tal-mara kien ukoll element ta' dieqa kbira għar-raġel, fejn kien kostrett jaċċetta ftit ċenteżmi (50ċ) ta' kuljum mingħand martu, kemm ikollu biżżejjed biex jaqbad tal-linja.

"Huwa evidenti illi l-partijiet kellhom diversi ħtiġijiet illi ma kienux qegħdin isibu f'xulxin. Mhux inqas fil-ħajja intima, bil-mara tinsisti li żewġha ma kienx qiegħed ifittixha u r-raġel isostni li l-mara kienet torqod b'saqajha ma wiċċu sabiex ma jfittixhiex.

"Rigward l-adulterju, li l-mara tatribwixxi lil żewġha, il-Qorti tinnota illi kull darba illi xehdet, kull rikors li ġie ntavolat, kull okkażjoni li kellha, il-mara insistiet illi ż-żwieġ tal-partijiet falla stante illi żewġha kellu relazzjoni ma' mara oħra, ċerta Rosette Scicluna u li pprefera lil din Rosette u lil uliedha, milli lill-istess uliedu. Minkejja din l-insistenza kontinwa, il-provi rigward l-adulterju huma mill-iktar skarsi. Huwa minnu li l-Qorti tista' tasal għall-konklużjoni li parti fiż-żwieġ wettqet adulterju fuq indizji, imma l-istess indizji jridu jkun serji, tant li fil-moħħ tal-ġudikant joħolqu ċ-ċertezza morali.

"Fil-każ odjern, m'hemm l-ebda prova li tindika li l-ħbiberija li kellu r-raġel ma' din l-istess Rosette kienet il-kawża għat-tkissir taż-żwieġ tal-partijiet. L-attur kien ilu mdejjaq fiż-żwieġ minkejja li ma kien jgħid xejn. Għalkemm ma jistax jingħad li kienet il-ħbiberija tal-attur ma' Rosette li kissret iż-żwieġ tal-partijiet, fil-fehma tal-Qorti, wara t-tluq tal-attur mid-dar matrimonjali, dawn it-tnejn kienu qegħdin f'relazzjoni flimkien għaliex kienu jidhru flimkien pubblikament f'diversi okkażjonijiet, anke għal *weekend break* f'lukanda. Inoltre, huma jiltqagħu kważi kuljum għal ċirka siegħa/sagħtejn. Relazzjoni bħal din, ma tistax titiqies sempliċiment bħala ħbiberija, u jekk dan l-aġir m'huwiex tali li jwassal lill-Qorti li tikkonkludi li l-adulterju kien il-kawża tat-tifrik taż-żwieġ, ċertament kien aġir sevizzjuz fil-konfront tal-mara.

"B'hekk, il-Qorti tikkonferma l-konklużjoni tal-Perit Legali fejn intqal illi t-tkissir taż-żwieġ huwa imputabbli liż-żewġ partijiet indaqs. Il-ħajja konjugali tal-partijiet ġiet reża impossibbli minħabba l-inkompatibilita` tal-karattri taż-żewġ partijiet. Ma' dan il-Qorti żżid illi kull parti hija ħatja ta' moħqrija (sevizzi) fil-konfront tal-parti l-oħra.

"**<u>Dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili</u>**

"F'dan l-aspett, il-Qorti dejjem tagħmel distinzjoni bejn it-tortijiet tat-tkissir taż-żwieġ. Meta t-tort ikun wieħed komminat fl-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 et seq. Dana b'differenza mill-każ meta l-firda personali tkun motivata mill-abbandun u/jew mill-adulterju, stante li dawn iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi mandatorji u li jridu jiġu applikati <u>dejjem</u> mill-Qorti fil-konfront tal-ħatja, ai termini tal-istess Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

"Dwar l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu, il-Perit Legali kkontradixxiet ruħha meta fil-paġna 25 tar-rapport tgħid: *"Stante li t-tkisser kien imputabbli liż-żewġ kontendenti, l-esponenti tħoss li l-Artikolu 48 u 51 m'għandhomx jiġu applikati."* Iktar tard, fil-paġni 29 u 30, hija tgħid *"Meta kkonsidrat il-provi kollha mressqa kif ukoll il-konklużjoni tagħha*

*fir-rigward tal-kontributorjeta` rispettiva tal-partijiet għat-tkissir taż-żwieġ qed jiġi ikkonkludiet illi l-ħtija tat-tkissir taż-żwieġ tal-partijiet hi tat-tnejn b'mod ugwali, u għalhekk kull parti ddekadiet mid-dritt tagħha li titlob manteniment mingħand il-parti l-oħra."*

"Fil-każ odjern, il-ħtijiet reċiproċi tal-partijiet huma s-sevizzi. Fil-fehma tal-Qorti, it-tortijiet tal-partijiet m'humiex abbastanza gravi illi jattiraw id-dekadenzi stabbiliti fl-Artikolu 48, għajr illi in vista tar-relazzjoni li l-attur daħal fiha sussegwenti għat-tluq tiegħu mid-dar matrimonjali, il-Qorti tiddikjara illi sejra tapplika fil-konfront tal-attur id-dekadenza stipulata fl-Artikolu 48(1)(d) u cioe d-dritt tiegħu li jipperċepixxi manteniment mingħand martu. Illi b'hekk, il-Qorti ma taqbilx mal-Perit Legali illi kull parti ddekadiet mid-dritt tagħha illi titlob manteniment mingħand il-parti l-oħra, iżda huwa biss l-attur li ddekada mid-dritt tiegħu illi jitlob u/jew jipperċepixxi manteniment mingħand martu.

"**Dwar il-komunjoni tal-akkwisti u l-ġid parafernali tal-partijiet**

"Illi l-attur irnexxielu jipprova illi huwa għandu kreditu parafernali ta' Lm33,824.18 illum ekwivalenti għal **€78,789.15**. Il-Qorti tirreferi għall-prospett minnu esebit[1] u ssib illi l-entrati kollha li jindikaw l-assi parafernali tiegħu ġew issostanzjati u kkorraborati mid-dokumenti oħra li esebixxa, bħalma huma l-kuntratti u ċ-ċedoli ta' depożitu u fidi taċ-ċens. Il-Qorti sabet ftit tad-diskrepanza f'ċertu ċedoli ta' depożitu, biex b'hekk aġġustat l-ammont li kien illikwidat mill-Perit Legali ta' €79,075.

"L-attur wiret mhux biss propjeta` iżda wkoll diversi antikitajiet fosthom pitturi, linef u għamara antika. Uħud mill-affarijiet l-oħra derivanti mill-wirt tal-attur, għadhom fid-dar matrimonjali fejn tirrisjedi l-konvenuta, oħrajn fil-garaxx tal-partijiet fil-Fgura.

"L-attur jissottometti li l-konvenuta approprjat ruħha minn oġġetti parafernali tiegħu li hija ħbiet jew iddisponiet minnhom (fosthom il-bureau) għall-valur ta' €53,000. Fost l-iktar affarijiet ta' valur kien hemm żewġ pitturi fini taż-żejt kbar, numru ta' inċiżjonijiet, kotba u affarijiet oħra antiki. Il-konvenuta tiċħad li hija ħadet dawn l-affarijiet u tistqarr li ma tafx x'sar minnhom. L-intimata tammetti, illi fil-mori tal-proċeduri biegħet il-bureau antik li wiret l-attur, għaliex fil-fehma tagħha, dana wirtitu hi personalment mingħand omm l-attur talli ħadet ħsiebha fil-marda terminali tagħha. Kif tajjeb ikkonstatat il-Perit Legali, l-intimata ma ġiebet ebda prova biex tissostanzja din l-allegazzjoni.

"Il-Qorti m'għandhiex ebda ċertezza li dawn l-oġġetti approprjat ruħha minnhom il-konvenuta, anke jekk huwa minnu li ma nstabux fl-eżekuzzjoni tal-mandat ta' deskrizzjoni. Huwa minnu li hija biegħet il-bureau, bil-pretensjoni li dana kien tagħha, iżda l-attur ukoll jistqarr li ħa xi affarijiet mid-dar ġja matrimonjali meta telaq, fosthom żewġ pitturi. Fin-nuqqas ta' provi konkreti dwar dan, il-Qorti ma tistax iżżomm lill-

[1] Fol. 34 tal-proċess innumerat 312/10AL;

konvenuta responsabbli għall-oġġetti neqsin, għajr għall-bureau li kkonfermat li kienet iddisponiet minnu hi. L-attur jistma[2] dan il-bureau bil-valur ta' €18,000, valur illi l-konvenuta ma tikkontestahx.

"Dwar il-vetturi, il-Qorti rat illi l-vetturi rispettivi tal-partijiet huma piu o meno tal-istess daqs u tal-istess perjodu ta' manifattura[3]. B'hekk, il-Qorti hija tal-fehma li dawn għandhom l-istess valur, jew jekk hemm xi differenza fil-valur, din hija differenza minima. B'hekk, filwaqt illi taqbel li kull parti għandha tiġi assenjata dik il-vettura li hija rreġistrata f'isimha, m'hijiex tal-fehma li f'dan l-istadju għandha ssir valutazzjoni tal-istess vetturi għaliex l-ispejjez għall-istess valutazzjoni jistgħu jeċċedu d-differenza fil-valur tal-vetturi.

"Il-Qorti tqis għal kollox infondata u mhux ippruvata l-allegazzjoni tal-konvenuta illi l-vettura tat-tip Fiat Punto ingħatat lilha b'donazzjoni minn missierha. B'hekk il-Qorti ser tordna li kull parti għandha tiġi assenjata l-vettura intestata f'isimha mingħajr ebda jedd ta' kumpens mill-parti l-oħra.

"Inoltre`, il-Qorti tqis ukoll bħala infondata u mhux ippruvata, l-allegazzjoni tal-konvenuta, illi missierha kien għaddielha b'donazzjoni mal-għoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000).

"Il-Qorti tirrileva illi fl-assenjazzjoni tagħha tal-komunjoni tal-akkwisti, il-Perit Legali naqset illi tassenja l-lokazzjoni tad-dar ġja matrimonjali. Din il-lokazzjoni nkisbet mill-partijiet matul iż-żwieġ tagħhom biex b'hekk tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u għandha tiġi assenjata lil xi ħadd mill-partijiet. Billi l-attur kien telaq minn jeddu mill-istess dar u qatt ma ressaq talba sabiex ikun hu li jerġa' jidħol jabita fiha, fil-fehma tal-Qorti, huwa kuntent li jgħix post'ieħor u ma jidhirx li għandu xi oġġezzjoni li martu titħalla tgħix hemmhekk[4]. Fuq kollox, huwa għandu residenza alternattiva li kiseb mill-wirt, filwaqt illi l-konvenuta m'għandhiex post ieħor fejn tista' tabita.

"Il-valur lokatizzju tal-fond ma ġiex stabbilit mill-provi miġbura u b'hekk huwa diffiċli sabiex il-Qorti tistabilixxi l-kumpens li għandha tħallas il-konvenuta lill-attur għall-abitazzjoni tagħha fl-istess dar. Il-lokazzjoni tal-fond għandha tiġi assenjata lill-konvenuta, li weħidha tħallas il-kera dovuta lill-Gvern. Hija tkun assenjata wkoll dak kollu li hemm fid-dar matrimonjali għajr l-oġġetti parafernali tal-attur. Il-konvenuta ma tikkumpensax lill-attur għal din l-assenjazzjoni. Il-kumpens altrimenti dovut lill-attur ser ikun ikkunsidrat mill-Qorti bħala l-kontribut tiegħu għall-għixien ta' martu, kif ġie elaborat fis-sentenza fl-ismijiet inversi, meta l-Qorti kkonsidrat il-manteniment dovut għall-konvenuta .

---

[2] Fl-affidavit ulterjuri tiegħu, fol. 978 tal-proċess innumerat 312/10AL;

[3] Fol 901 u 902 tal-proċess innumerat 312/10AL;

[4] Anzi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jipproponi li għandha tkun martu li titħalla tgħix fil-fond;

"Il-attur jilmenta illi huwa għamel diversi pagament fosthom ta' self u ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma, liema pagamenti huwa jenfasizza li għamilhom minn flusu. Huwa risaput illi sal-preżenti, il-komunjoni tal-akkwisti għadha viġenti bejn il-partijiet. B'hekk, ladarba l-pagamenti saru mill-introjtu tal-attur mill-impjieg tiegħu, l-istess introjtu wkoll jifforma mill-komunjoni tal-akkwisti, bil-konsegwenza li għandek dejn tal-komunjoni li qiegħed jitħallas minn assi tal-komunjoni. Konsegwentement, l-attur m'għandux dritt ta' xi rimbors għal dawn il-ħlasijiet.

"Mill-assjem tal-provi u ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, jirriżulta illi l-komunjoni tal-akkwisti tal-konjuġi Mifsud tikkomprendi s-segwenti:

"1. Il-lokazzjoni tal-fond matrimonjali sitwat fi flat 188F, Flat 5, Triq Sant'Ursola, il-Belt Valletta, mikrija lill-kontendenti mingħand il-Gvern ta' Malta.

"2. Għamara, appliances u mobili oħra li jinsabu fl-istess fond;

"3. Il-fond bin-numru 20, Triq l-Imrabat, Tas-Sliema, li ġie stmat fit-12 ta' Gunju 2007 mill-Perit K. Borg li jiswa €151,409[5];

"4. Il-fond bin-numru 28, Sqaq Numru 1, Triq San Ġorġ, ir-Rabat Għawdex li ġie stmat fit-12 ta' Ġunju 2007 mill-Perit K. Borg li jiswa €151,409[6];

"5. Il-garaxx bl-isem 'Joe Garage,' Triq Kent, il-Fgura li fit-12 ta' Ġunju 2007 mill-Perit K. Borg li jiswa €26,788[7];

"6. Il-vettura tat-tip Kia Avella bin-numru ta' reġistrazzjoni LCC-278 irreġistrata f'isem l-attur;

"7. Il-vettura tat-tip Fiat Punto bin-numru ta' reġistrazzjoni EBG-985 irreġistrata f'isem il-konvenuta;

"8. Kreditu favur l-attur fis-somma ta' €78,789.15, bl-imgħax legali li jiddekorri mid-data tal-preżenti sad-data tal-pagament effettiv;

"9. Kreditu favur l-attur fis-somma ta' €18,000, bl-imgħax legali li jiddekorri mid-data tal-preżenti sad-data tal-pagament effettiv;

"10. Diversi kontijiet bankarji intestati f'isem iż-żewġ partijiet b'bilanċi iriżorji;

"Bis-saħħa tal-preżenti, il-Qorti qiegħda xxolji l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet konjuġi Mifsud u tassenjaha kif ġej:

---

[5] Fol. 1057 tal-proċess innumerat 312/10AL;
[6] Fol. 1057 tal-proċess innumerat 312/10AL;
[7] Fol. 1059 tal-proċess innumerat 312/10AL;

"Tassenja lill-attur:

"1. Il-vettura tat-tip Kia Avella bin-numru tar-reġistrazzjoni LCC-278;

"2. Kwalsiasi kont bankarju, investiment jew polza t'assikurazzjoni intestati f'ismu;

"Tassenja lill-konvenuta:

"1. Il-lokazzjoni tal-fond matrimonjali sitwat fi flat 188F, Flat 5, Triq Sant'Ursola, il-Belt Valletta, mikri lill-kontendenti mingħand il-Gvern ta' Malta; Mill-preżenti, il-fond ma jibqax jitiqies bħala d-dar matrimonjali u l-attur ma jkollu ebda pretensjoni ulterjuri fuqu;

"2. Għamara, appliances u mobili oħra kollha li jinsabu fil-fond ġja matrimonjali, għajr għall-oġġetti kollha parafernali tal-attur;

"3. Il-vettura tat-tip Fiat Punto bin-numru tar-reġistrazzjoni EBG-985;

"4. Kwalsiasi kont bankarju, investiment jew polza t'assikurazzjoni intestati f'isimha;

"Il-postijiet 20, Triq l-Imrabat, Tas-Sliema, 28, Sqaq Numru 1, Triq San Ġorġ, ir-Rabat Għawdex u l-garaxx bl-isem 'Joe Garage,' Triq Kent, il-Fgura jinbiegħu fis-suq miftuħ. Mir-rikavat, fl-ewwel lok, l-attur jitħallas is-somom parafernali dovuti lilu ta' €18,000 u €78,789.15, kif ukoll l-imgħax legali li jiddekorri fuq l-istess somom, kif intqal. Il-bilanċ tar-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet."

<u>L-Appelli</u>

4. L-Appell principali tal-attrici huwa bazat fuq erba' aggravji: [1] li l-konvenut kellu jinstab hati ta' adulterju; [2] li kellu jigi iffissat manteniment ghaliha; [3] li s-somma li l-attur kien wiret hija fil-fatt nofs l-ammont ta' €78,789.15 u mhux l-ammont kollu, tenut kont tal-fatt li hu kien wiret biss nofs dak l-ammont u [4] li, stante li hi ma kellhiex htija ghas-separazzjoni, ma kellhiex tigi akkollata b'nofs l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

5. Fl-appell taghha l-attrici qed titolb li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fid-dawl tal-aggravji premessi, bl-ispejjez kontra l-attur appellat.

6. L-Appell incidentali huwa ibbazat fuq zewg aggravji[8]: [1] li ma hu dovut lill-attrici ebda manteniment, a tenur tal-Artikolu 3B[2] tal-Kodici Civili, ghat-tfal taghhom malli dawn saru maggjorenni u, [2] li uhud mill-proprjetajiet immobbli formanti parti mill-assi tal-kommunjoni tal-akkwisti setghu gew assenjati lill-partijiet minghajr il-htiega li jinbiegh kollox.

7. Fir-risposta tieghu l-konvenut qed jitlob li, ghar-ragunijiet hemmhekk esposti, l-appell tal-attrici ghandu jigi michud, filwaqt li qed jitlob li s-sentenza appellata tigi riformata fid-dawl tal-aggravji premessi, bl-ispejjez kontra l-attrici appellanti.

<u>L-Aggravji</u>

*L-Ewwel Aggravju tal-Appell Principali [Tort]*

8. Dan l-aggravju hu dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-attrici giet attribwita nofs il-htija ghas-separazzjoni personali. Hi issostni li l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti huwa zbaljat, tenut kont li fl-atti hemm elementi ta' prova li necessarjament iwasslu ghall-

[8] Spjegati ahjar fir-risposta tieghu ghall-appell tal-konvenuta fil-kawza numru 312/10 fl-ismijiet inversi.

konkluzjoni li l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali biex ikompli r-relazzjoni adulteruza li dahal fiha ma' mara ohra u li ghalhekk il-htija ghas-separazzjoni tirrisjedi esklussivament fuq dan l-agir tal-konvenut, filwaqt li hi ma ghandha ebda tort ghat-tifrik taz-zwieg.

9. L-attrici tissenjala s-segwenti provi li skont hi ma nghatawx il-piz li jisthoqilhom mill-ewwel Qorti fid-determinazzjoni dwar il-htija ghas-separazzjoni, bil-konsegwenza li dik il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni zbaljata dwar dan l-aspett tal-kawza. Dawn huma: li lejn l-ahhar tal-konvivenza matrimonjali, il-konvenut ma baqax ifittex lill-attrici intimament, meta skont l-istess l-attrici l-konvenut ma joqghodx minghajr sess; li l-hbiberija tieghu ma' mara ohra bdiet ftit xhur qabel ma ddecieda li jitlaq mid-dar u abbanduna l-familja tieghu biex ikompli b'dik il-hbiberija, li zvolgiet f'relazzjoni li ghadha ghaddejja sallum; li l-konvenut baqa' jiffrekwenta dik il-mara, kemm fil-prezenza ta' hbieb ohra kif ukoll wahedhom; li, anke jekk jigi accettat li dawn ma jghixux taht l-istess saqaf, huma jiltaqghu kuljum - fi kliem l-istess konvenut: *"Niltaqa' ma' ….. mostly kuljum ghal xi siegha, jew ghandha jew ghandi jew barra."*[9]*;* li l-istess persuna tghid li *"qatt u qatt ma ghamilt sleep over hlief f'xi barbeque forsi sa xi 2.00 am;* li l-attrici, li kienet baqghet issegwi l-passi taghhom, skopriet li kien hemm okkazzjoni meta zewgha u din il-mara kienu qeghdin *weekend break* gewwa d-Dolmen Hotel, liema fatt gie ammess

[9] Vol.5 Fol.953 – Dep. [kontro-ezami] 17 Novembru 2014.

mill-istess konvenut ghalkemm dan jghid li kienu alloggjati go kmamar separati.

10. Fl-affidavit taghha l-attrici tichad kategorikament dak allegat mill-konvenut fil-konfront taghha, li matul il-konvivenza matrimonjali hi kienet tohrog mal-hbieb u iddum barra sas-sieghat bikrin ta' filghodu, u li kienet ta' spiss tmur *weekend breaks* gewwa Ghawdex, filwaqt li l-konvenut kien joqghod id-dar mat-tfal u dan kienet taghmlu minkejja li, skont hu, hu kien juriha li ma kienx jiehu gost f'dan l-agir taghha u anke bil-mod provokattiv li kienet tilbes. Tghid li l-konvenut *"… jigdeb aktar meta kien jghid lilli jiena nohrog fil-weekend u kelli irgiel ohra, meta jiena dejjem msakkra d-dar u mat-tfal, ghax jiena dik hajti – iddedikata ghall-familja."*[10]

11. Min-naha tieghu l-konvenut jirrispondi ghal dan l-aggravju billi jichad li t-tifrik taz-zwieg hu dovut ghar-relazzjoni ta' hbiberija li huwa ghandu ma' mara ohra. Jghid li l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti huwa wiehed korrett. Ikompli jfisser hekk dan l-aggravju:

> "[l-attrici] li dehret f'ritratt esebit in atti tiddandan ferhana bil-malja flimkien ma' ragel Gharbi [a fol.944 in atti] bl-ebda mod ma spjegat ghaliex kienet torqod b'saqajha f'wicc l-esponent, kif huwa xehed. L-anqas ma ghamlet xi tentativ [l-attrici]] tul is-smigh kollu tal-kawza biex turi x'kienet ir-raguni proprjament li waslitha tiehu f'idejha l-kontroll totali tal-flus li kien jaqla' [il-konvenut] kif ukoll dawk illi wiret."
>
> "Tajjeb issenjalat l-ewwel Qorti illi [l-attrici] ma kinitx konvincenti fejn ippruvat 'tpingi lilha nnifisha bhala vittma tal-agir ta' zewgha'. Il-Qorti setghet tikkonstata illi '*bhala mara mhix dghajfa izda assertiva ferm, u mhux it-tip ta' mara li tigi facilment vittimizzata.'*"

[10] *Ibid* Vol.1 Fol.181 – Affidavit.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

12. Fl-ewwel lok u in linea generali hija opportuna l-osservazzjoni li z-zwieg huwa unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku tal-partijiet u t-trobbija tal-ulied, f'kommunjoni ta' imhabba u hajja. Fiz-zwieg il-konjugi ghandhom jahdmu ghal gid ta' din il-kommunjoni bl-obbligu tal-assistenza reciproka. Il-ligi pero` ma tirrikjedix li l-konvivenza matrimonjali tkun perfetta u minghajr nuqqasijiet, ghax dan hu impossibbli fejn jidhlu r-relazzjonijiet umani, u ghalhekk mhux kull nuqqas ta' parti jew ohra fiz-zwieg tikkostitwixxi raguni valida ghas-separazzjoni. Huma biss dawk in-nuqqasijiet kontemplati fl-Artikolu 38 [adulterju], l-Artikolu 40 [l-eccessi, sevizzi u ingurji gravi] u l-Artikolu 41 [l-abbandun] li jiskattaw id-dritt tal-parti vittma ta' dawk in-nuqqasijiet li titlob b'success is-separazzjoni personali minn mal-parti l-ohra.

13. Ferm il-premess u fuq nota specifika, jigi osservat li mhux konsentit legalment li, ghax parti fiz-zwieg iddejjqet u ghax dak li kienet kuntenta bih fil-bidu u ghal xi perijodu tal-konvivenza ma baqax joghgobha, titlaq mid-dar matrimonjali, tabbanduna l-parti l-ohra flimkien mat-tfal komuni tal-partijiet, u tittanta tfittex il-kuntentezza f'relazzjoni extra matrimonjali.

14. Il-premess japplika ghal kaz odjern fejn fil-bidu tal-konvivenza l-partijiet kienu ftiehmu fuq *modus vivendi* fejn tidhol il-familja u *modus operandi* fejn jidhlu l-finanzi tal-familja, liema ftehim kien accettabbli ghaz-zewg konjugi. Skont il-ftehim, l-attrici ma kellhiex tkompli tahdem barra mid-dar izda kellha tkun mara tad-dar bl-attenzjoni taghha iffokata fuq il-bzonnijiet tal-familja. Ukoll, kien miftiehem li hi kellha tiehu hsieb il-gestjoni tal-finanzi tal-familja, kemm l-introjtu mill-paga tal-konvenut, kif ukoll l-ispejjez ghal htigijiet tal-familja. Kellha wkoll ir-responsabbilita` tat-trobbija tat-tfal, filwaqt li l-konvenut kellu jibqa' jahdem biex jiggenera l-introjtu ghall-familja u wkoll seta' jiffoka fuq l-istudji tieghu matul iz-zmien. Jidher car li l-attur kien kuntent b'dan il-ftehim li prattikament halla kollox f'idejn l-attrici sabiex hu jkompli jiffoka fuq il-karriera tieghu u l-avvanz tieghu f'dan ir-rigward.

15. Il-konvenut kien kuntent u kien moqdi u, ghalhekk, ftit jaghmel sens l-ilment tieghu li l-attrici kienet iddominatlu hajtu ghax kienet tikkontrolla kollox, inkluzi l-finanzi tal-familja. Ladarba hu kien halla r-responsabbilita` kollha tal-familja f'idejn l-attrici, mhux gustifikat li wara t-trapass ta' tul taz-zmien jilmenta li hi kellha kontroll ta' kollox. Barra minn hekk ma jirrizultax mill-provi li huwa qatt esprima dan l-ilment tieghu mal-attrici, tant dan hu minnu li meta telaq mid-dar hija kienet sorpriza bir-raguni moghtija minnu, u l-provi akkwiziti necessarjament jippuntaw lejn it-tezi tal-attrici li fil-

verita` l-konvenut kien abbanduna l-familja tieghu biex ikompli bil-hbiberija tieghu ma' mara ohra.

16. Min-naha tal-attrici din il-Qorti ma tara xejn censurabbli u ma jezistux cirkostanzi jew allegazzjonijet provati li dina b'xi mod ikkontribwiet ghat-tkisser taz-zwieg. Fir-rigward huma relevanti s-segwenti osservazzjonijiet.

17. [1] Ir-riluttanza da parti tal-attrici sabiex tkun intima mal-konvenut hija michuda minnha li min-naha taghha tghid li l-bruda kienet esternata mill-konvenut li wara xi zmien ma kienx baqa' jfittixha sesswalment; ir-relazzjoni li l-konvenut qabad ma' haddiehor taghti konfort lit-tezi tal-konvenuta.

18. [2] Sabiex jikkonfigura l-adulterju mhux necessarju li z-zewg partijiet involuti f'dik ir-relazzjoni jkunu jikkonvivu taht l-istess saqaf, *multo magis* meta, bhal fil-kaz odjern, l-attur baqa' jichad li r-relazzjoni ma' haddiehor kienet wahda adulteruza. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li mill-provi akkwiziti jirrizulta manifest li, ghalkemm inizjalment ir-relazzjoni li l-attur kellu ma' din il-persuna kienet wahda ta' hbiberija specjali li kienet tikkostitwixxi ingurja gravi fil-konfront ta' martu u li minhabba din il-hbiberija huwa telaq mid-dar konjugali, bit-trapass taz-zmien din ir-relazzjoni zviluppat f'wahda adulteruza. Dan jirrizulta mill-assiem tal-

provi senjatament minn zewg cirkostanzi principali sostnuti minn fatti assodati. Dawn huma [a] il-fatt ammess mill-istess persuna li kien hemm okkazzjonijiet wara xi barbeque li dina damet ghand l-attur sas-sighat bikrin ta' filghodu; [b] il-fatt ammess mill-konvenut stess li huwa kompla jiffrekwenta lil din il-persuna kuljum, daqqa ghandu, daqqa ghandha jew barra, kif ukoll [c] il-fatt li darba minnhom inqabad li kien mar *weekend break* fl-istess lukanda li fiha kien hemm din il-persuna, u l-fatt li din kienet qieghda f'kamra separata ma jdghajjifx il-konkluzjoni li r-relazzjoni tal-konvenut kienet wahda adulteruza.

19. [3] Rigward l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attrici kienet tohrog fil-*weekends* mal-hbieb taghha u taghmel barra sas-sighat bikrin ta' filghodu u li kienet tiffrekwenta irgiel ohra, il-Qorti tosserva li din giet kategorikament michuda mill-attrici u ma ssibx sostenn fil-kumplament tal-provi; anzi fic-cirkostanzi tali allegazzjoni titqies bhala ingurja gravi fil-konfront tal-attrici.

20. [4] Rigward ir-ritratti esebiti mill-konvenut, mehudin minn facebook, li juru lill-attrici toqghod ghar-ritratt fi grupp ta' nisa u irgiel, il-Qorti tosserva li jidher li dawn ir-ritratti ittiehdu fis-snin 2013 u 2014 u ghalhekk 7 snin wara li zewgha kien abbanduna d-dar konjugali biex ikun liberu jkompli l-hbiberija tieghu ma' haddiehor. Apparti minn dan ma hemm xejn censurabbli li l-attrici, allura separata u abbandunata, ikollha hajja socjali,

*multo magis* jekk kif jippretendi l-konvenut hija ghandha l-obbligu tohrog tahdem barra mid-dar biex tiggenera introjtu ghaliha u ma tibqax tiddependi fuq il-manteniment li jaghtiha ghall-ghejxien taghha. L-obbligu li ghandha l-attrici mhuwiex li ma tithallatx socjalment, izda li tibqa' fidila lejn il-konvenut, u fil-kaz odjern ma ngiebet ebda prova li din ma kinitx fidila lejh qabel is-separazzjoni, jew m'ghadhiex fidila lejh.

21. [5] Rigward l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attrici ippuzat ghal ritratt *"tiddandan ferhana bil-malja flimkien ma' ragel Gharbi",* din il-Qorti tosserva li fir-ritratt ma jirrizultax li l-attrici kienet qieghdha tiddandan, jirrizulta biss li hi kienet bilqieghda fuq il-blat fejn il-bahar u fir-ritratt jidher ragel[11] hdejha bilqieghda bil-malja. Dak ir-ritratt kien ittiehed piuttost mill-vicin u ghalhekk ma jirrizultax jekk f'dik l-okkazzjoni l-attrici kinitx ma' nies ohra fil-grupp li kienet tiffrekwenta. Inoltre, mid-dokument prodott ma jirrizultawx dettalji ta' dati ghajr l-immagini tar-ritratt. Certament dan ir-ritratt ma jipprovax dak li qed jipprova jimplika jew jallega l-konvenut.

22. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti dwar it-tort ghas-separazzjoni bejn il-partijiet. Il-provi juru bic-car li t-tort jirrisjedi esklussivament fuq il-konvenut li meta sar jaf mara ohra dahal f'relazzjoni maghha u telaq mid-dar u abbanduna

[11] Mir-ritratt ma tirrizultax in-nazzjonalita` ta' dan ir-ragel.

lil martu u liz-zewg uliedu. Min-naha l-ohra ma gie ippruvat xejn da parti tal-attrici li jista' b'xi mod iwassal ghal xi htija da parti taghha.

23. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh.

*It-Tieni Aggravju tal-Appell Principali [Manteniment]*

24. L-attrici fissret hekk dan l-aggravju:

> "1) Illi l-Ewwel Qorti, fir-rigward tat-talba li kienet tikkoncerna manteniment pagabbli lill-appellanta, iddecidiet li l-appellanta m'ghandhiex tircievi manteniment minghand l-appellat stante li qieghdha tinghata d-dritt li tirresjedi fid-dar matrimonjali li hija flat mikri tal-Gvern bil-mobbli b'kollox tinsab fih.
>
> "2) Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti tidher li bbazat ruhha erronjament fuq konsiderazzjonijiet generici li ma setghux effettivament jigu kkonsidrati applikabbli ghall-kawza odjerna, u tidher ukoll li ma kkonsidratx dak li qalet u ghaddiet minnu l-appellanta minghajr ma ghamlet konsiderazzjonijiet u apprezzament tal-punti fattwali u sottomissjonijiet maghmula mill-appellanta stess, li principalment jikkonsistu fis-segwenti:
>
> "[a] li l-appellanta kienet waqfghet tahdem minn impjieg taghha ftit wara li zzewwgu u dan fuq insistenza ta' zewgha l-appellat u dunque, ma hallsitx National Insurance bizzejjed biex tista' tghid ghandha penzjoni adegwata biex tgawdi ghal tul hajjietha. Dunque, l-appellanta m'ghandhix tbati minn nuqqas ta' finanzi biex appuntu tghix rizultat tal-insistenza ta' zewgha l-appellat biex ma tahdimx bi qliegh. Kif irrizulta mill-provi migbura, l-appellanta kienet iddur mal-familja ta' zewgha l-appellat, partikolarment ma' missieru u ma' huh matul il-mard taghhom sal-ahhar nifs ta' hajjiethom [haga li ma ssemmitx fir-rapport peritali adottat fis-sentenza appellata izda jissemma li l-appellat kien qal li kien sar qiesu il-'pulcinell taghha' u nesa' kemm l-appellanta martu daret ma' familtu minhabba mard serju!], hadet hsieb id-dar matrimonjali u di piu', rabbiet zewg ulied minghjar missier peress li l-appellat ftit li xejn kien f'hajjiethom [u jhossuhom abbandonati minn missierhom sal-lum stess] minhabba mpennji ta' xoghol u ta' studju kontinwu minhabba d-diversi korsijiet li kien isegwi fiz-zwieg [u illim minhabba r-relazzjoni tieghu ma' Rosette Scicluna flimkien ma' bintha u t-tarbija taghha];

"[b] li l-appellanta kienet bil-ghaqal bizzejjed biex bil-finanzi li kienet timmanigja hija, l-*estate* taghhom tal-kommunjoni kiber tajjeb tant li ghandhom tliet [3] proprjetajiet immobbli f'isimhom apparti d-dar matrimonjali ossia l-flat mikri tal-Gvern … ghaqal u sforz kbir ta' mara tipikament Maltija biex irnexxielha taghmel dak kollu soprandikat li zewgha l-appellat ma apprezzax tant li skont kif irrizulta mix-xhieda tieghu, huwa allegatament kien bata hafna minhabba martu [!];

"[c] li ghall-appellanta li ghandha 54 sena, mhux facli li ssib impjieg biex tkun finanzjarjament indipendenti aktar u aktar [i] meta bhala nanna ta' wild minuri ta' sentejn ta' wiehed miz-zewg ulied taghhom, [ii] kif ukoll, meta ghadha tiehu hsieb il-papa taghha li huwa anzjan ta' 85 sena li jbati b'certu mard u mhux ta' wahdu tant li jirresjedi maghha … kif wara kollox l-appellanta kienet ghal diversi snin hadet hsieb lill-missier u lill-hu l-appellat, hija impenjata hafna;

"[d] li l-flat mikri tal-Gvern li kien id-dar matrimonjali tal-konjugi huwa appuntu mikri u dunque, ma jappartjenix lill-appellanta u zgur mhux ekwu u gust li l-Ewwel Qorti kkonsidrat id-dritt li hija tibqa' tirresjedi fih minflok manteniment … u l-istess ghandu jinghad ghall-mobbli li tinsab fih li ukoll inghatat lill-appellanta mill-Ewwel Qorti meta fil-verita` tali mobbli m'ghandhix wisq valur stante li ilha li nxtrat mill-bidu taz-zwieg u li in ogni caso, nofs il-mobbli tappartjeni gja bi dritt lill-istess appellanta;

"[e] li fir-rapport peritali ma ssemma' xejn dwar l-ammont ta' flus mis-salarju tieghu, l-appellat ha matul is-snin, almenu matul il-perjodu li bdew il-proceduri tas-separazzjoni fis-sena 2010 fuq medda ta' tmien snin sas-sentenza. X'ghamel b'dak l-introjtul-appellat? Fejn nefaqhom [li zgur mhux fuq uliedu] jew fejn rekkinhom?;

"[f] li wara kollox <u>l-appellat stess kien iddikjara li ma kellux oggezzjoni li huwa jivversa manteniment lill-martu</u> appellanta [vide pagna 29 tar-rapport peritali];

"[g] li ghaliex l-appellanta ghandha tiddekadi mid-dritt li tircievi manteniment minghand zewgha l-appellat meta la kkommetiet adulterju bhal ma ghamel l-appellat, u lanqas abbandunat id-dar matrimonjali, ukoll bhal ma ghamel l-appellat?

"[h] li l-appellanta tishaq li l-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni illi minghajr manteniment minghand zewgha l-appellat, hija ma tistax tghix … u f'kaz li l-Ewwel Qorti rragunat [ukoll erronjament] illi malli jinbieghu t-tliet immobbli elekati fis-sentenza [li m'hemmx zmien preskritt f'dan ir-rigward u dunque jistghu ma jinbieghux qabel certu numru ta' snin] l-appellanta tistaqsi kif ser tghix? Gja hemm il-perjodu ta' stennija sakemm dan l-appell jigi appuntat, mismugh u deciz li huwa kontrieha."

25. Min-naha tieghu l-konvenut jirribatti ghal dan l-aggravju billi jghid l-attrici m'ghandhiex tircevi manteniment minghand zewgha stante li hi wkoll kienet hatja b'mod ugwali ghas-separazzjoni ta' bejniethom. Inoltre, kif qalet l-ewwel Qorti l-attrici *"hija mara biezla u m'ghandha l-ebda diffikolta' jew impediment sabiex tkompli tahdem u taqla' l-ghixien taghha bhal haddiehor."*[12]

26. Din il-Qorti tibda billi tirribadixxi li anke x-xoghol li l-mara taghmel fid-dar ghandu valur ekonomiku li ghandu jigi komputat fil-likwidazzjoni ta' dak dovut lill-partijiet[13]. Fil-kaz odjern jirrizulta li ftit wara z-zwieg, l-attrici accettat li titlaq mill-impieg taghha sabiex tiffoka l-attenzjoni u l-energija taghha fuq il-bzonnijiet tal-familja. Ghalhekk tul il-konvivenza matrimonjali hi kienet tiehu hsieb id-dar, assumiet l-oneru kollu tat-trobbija tat-tfal, u dan apparti milli ghamlet perijodu ta' zmien iddur b'omm il-konvenut meta dina kienet giet certifikata li ghandha marda terminali. Barra minn hekk l-attrici kienet tiehu hsieb il-gestjoni tal-introjtu tal-konvenut, kemm dak tal-kommunjoni li jidhol mill-paga li kien jircevi kif ukoll dak mill-beni parafernali li kien wiret mill-familjari tieghu. Dan kollu kien jaghmilha possibbli ghal-konvenut ikompli fl-impieg tieghu u jaghmel korsijiet relatati ma' xoghlu biex eventwalment ha promozzjoni.

[12] Sent. Pga.41.
[13] Ara fost ohrajn, App.C 14/2013 **Marina Galea v. Mario Galea**, 31 Jannar 2019.

27. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti hi tal-fehma li l-attrici ghandha tigi kumpensata tax-xoghol kollu li ghamlet fid-dar ghall-familja, mehud in konsiderazzjoni t-tul taz-zmien tal-konvivenza matrimonjali, il-fatt li l-partijiet ghandhom zewgt itfal li ghal zmien twil l-attrici kienet tiehu hsieb il-bzonnijiet taghhom ta' kuljum inkluz l-oneru principali tat-trobbija u l-gestjoni tal-introjtu tal-finanzi tal-familja. Ghal dan ix-xoghol huwa gust li hi tigi kumpensata bl-assenjazzjoni tal-mobbli kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali, ghajr ghall-oggetti parafernali tal-konvenut.

28. Rigward it-talba ghall-fissazzjoni tar-retta alimentali ghall-attrici, din il-Qorti tosserva li l-attrici ghandha tibqa' tircevi manteniment minghand il-konvenut stante li l-htija ghas-separazzjoni tirrisjedi esklussivament fuq dan tal-ahhar, kif ukoll tenut kont tal-fatt li, peress li tul il-konvivenza ma hadmitx barra mid-dar u ghalhekk ma kinitx thallas *kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Socjali*, hija mhijiex ser tircevi pensjoni adegwata meta tilhaq l-eta` tal-irtirar.

29. Barra minn hekk, u b'referenza ghall-ewwel aggravju tal-appell incidentali, din il-Qorti ghar-raguni li ser tigi spjegata aktar 'il quddiem f'dan il-gudizzju ser tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ordnat li l-attrici tithallas is-somma ta' €7,200 bhala arretrati ta' manteniment ghal uliedha.

30. Min-naha l-ohra, kif korrettament osservat l-ewwel Qorti, l-attrici, li ghadha relattivament zghira ghal dik li hi hajja lavorattiva, ghad ghandha potenzjal li ssib xoghol, anke fuq bazi *part time*, biex tghin ruhha. Inoltre, peress li l-lokazzjoni tar-residenza fejn il-partijiet kellhom id-dar matrimonjali qed tigi assenjata lill-attrici bl-ghamara fiha, dina mhix ser ikollha spejjez ta' akkomodazzjoni.

31. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti qed tiffisa r-rata ta' manteniment li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici fl-ammont ta' €250 kull erba' gimghat li jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja. Dan il-manteniment jibqa' jinghata fl-intier tieghu lilha anke jekk l-attrici ssib xoghol fuq bazi *part time*.

32. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh.

*It-Tielet Aggravju tal-Appell Principali [Flus Parafernali]*

33. Dan hu dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn gie rikonoxxut li, oltre ghall-ammont ta' €18,000, il-konvenut ghandhu kreditu parafernali kontra l-kommunjoni fl-ammont ta' €78,789.15 u ghalhekk ordnat li din l-ahhar somma tithallas lilu qabel il-qsim bejn il-partijiet tar-rikavat tal-bejgh tal-proprjeta` tal-kommunjoni. Ukoll l-attrici issostni li,

ladarba dawk l-ammonti gew investiti fil-proprjeta` immobbli tal-partijiet u allura tal-kommunjoni tal-akkwisti, m'ghandux jithallas imghax fuqhom, ghax il-konvenut ibbenefika mill-investiment li sar fuq dik il-proprjeta`, konsistenti fl-awment tal-valur taghha.

34. Hija fissret hekk dan l-aggravju:

> "… is-somma ta' €78,789.15 li l-appellat kien wiret kellha tinqasam skont it-testment relattiv nofs b'nofs ma' omm l-appellat u ghalhekk hija verament hasra li l-appellat zewgha wasal biex bil-wicc kollu jinsisti fuq l-ammont kollu meta huwa ircieva biss nofs is-somma u cioe` €39,394.75 liema somma intefqghet in parti mill-appellat fil-korsijiet diversi li kien ghamel huwa matul iz-zwieg u in parti gie investita fi proprjeta` immobbli appartenenti lill-partijiet flimkien.
>
> "Illi …. gjaldarba is-somma ta' €18,000 kif ukoll dik ta' €39,394.75….giet utilizzata biex giet investita fi proprjeta` immobbli [bl-ghaqal tal-appellanti u ….. bil-kunsens tal-appellat] ghaliex l-appellanti ghandha thallas lill-appellat l-imghax legali li jidddekorru fuq l-istess somom ? Mhux kaz ta' *unjustified enrichment* favur l-appellat meta l-appellat ser jircievi sehemu u cioe` nofs ir-rikavat tal-bejgh tal-immobbli liema valur zdied sew fuq medda tas-snin?"

35. Din il-Qorti tosserva li din il-parti tal-aggravju li tirrigwarda l-pretensjoni tal-attrici li s-somma ta' €78,789.15 ghandha titnaqqas bin-nofs hija redatta b'mod superficjali u l-attrici ma tispjegax fid-dettal kif waslet ghall-ammont ridott b'mod li allura dan l-aggravju ma jistax jitqies bhala kontestazzjoni serja ta' din il-parti tad-decizjoni tal-ewwel Qorti li ezaminat bir-reqqa l-prospett prezentat mill-konvenut u d-dokumenti in sostenn tal-istess. Il-Qorti tosserva wkoll li ma tressqux provi in sostenn ta' din il-pretensjoni li jikkontradixxu d-dokumenti esebiti mill-konvenut. Lanqas ma issemmiet fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici u lanqas

matul l-eskussjoni tal-perit legali. Ghalhekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li ma jirrizultax mill-provi li s-somma fuq indikata ta' €78,789.15 kellha tinqasam bejn tnejn, jigifieri bejn l-attur u ommu kif allegat mill-attrici, u in mankanza ta' dettalji sabiex jigi konstatat dak allegat u jigi kontradett il-prospett li fuqu imxiet l-ewwel Qorti biex waslet ghal din il-figura, din il-parti tal-aggravju ma tistax tintlaqa' peress li mhux sostnuta minn provi sodisfacenti.

36. Rigward l-imghax legali fuq is-sommom fuq indikati, din il-Qorti tosserva li l-attrici ghandha ragun fl-ilment taghha li ma kellu jinghata ebda imghax fuqhom. Fl-ewwel lok, jigi osservat li l-flus gew principalment investiti fl-assi tal-kommunjoni tal-akkwisti u ghalhekk il-konvenut ibbenefika kemm bhala komproprjetarju f'dawk l-assi kif ukoll bl-awment fil-valur tal-proprjeta` mat-trapass taz-zmien. Fit-tieni lok, jigi osservat li l-ammont tal-ispejjez li l-attrici tghid li intefqu biex saru l-korsijiet da parti tal-konvenut ma giex provat u inoltre, ladarba dawn il-korsijiet kien qed jaghmilhom minhabba x-xoghol tieghu, probabbilment gew imhallsa, jekk mhux kollha, parti minnhom, mill-kumpanija fejn kien jahdem. Fit-tielet lok, jigi osservat li, anke jekk l-ispejjez thallsu minnu, mhuwiex verosimili li dawn kienu jammontaw ghal eluf kbar. Fir-raba' lok, jigi osservat li skont il-provi jirrizulta li eventwalment il-konvenut kien ha promozzjoni fix-xoghol tieghu bir-rizultat li l-pakkett finanzjarju tieghu zdied u ghalhekk ibbenefikat ukoll il-kommunjoni tal-akkwisti biz-zieda fil-

paga tieghu u ibbenefika hu wkoll. Ghalhekk din il-parti tal-aggravju hija gustifikata u qed tigi milqugha.

37. Ghaldaqstant tikkonsidra gustifikat dan l-aggravju fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi u l-aggravju qed jigi hekk milqugh.

*Ir-Raba' Aggravju tal-Appell Principali [Spejjez]*

38. Dan hu fis-sens li l-attrici ma kellhiex tigi akkollata parti mill-ispejjez tal-kawza stante li hi ma kellhiex htija ghas-separazzjoni personali. Fir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak osservat fl-ezami tal-ewwel aggravju fejn gie konkluz li l-htija tas-separazzjoni tirrisjedi esklussivament fuq il-konvenut, u ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh, b'mod li l-attrici m'ghandhiex tbati spejjez, hlief ghal dawk relatati mat-tielet aggravju taghha.

*L-Ewwel Aggravju tal-Appell Incidentali [Manteniment tal-Ulied]*

39. Dan hu dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-konvenut ghandu jaghti lill-attrici s-somma ta' €7,200, a tenur tal-Artikolu 3B[2][a] tal-Kodici Civili, bhala *"somma globali dovuta mill-konvenut lill-attrici rapprezentanti l-manteniment ta' uliedhom Joelle u Damien f'dan il-perijodu [wara li saru maggjorenni]"* u dan abbazi tas-

sottomissjoni li l-manteniment dovut skont l-artikolu precitat jispetta lill-ulied direttament. Ikompli jfisser hekk dan l-aggravju:

> "….. meta giet intavolata l-kawza odjerna (2010) l-ulied kellhom rispettivament wiehed u ghoxrin sena u sittax-il sena, filwaqt li l-artikolu 3B (2) tal-Kodici Civili dahal fis-sehh fid-29 ta' Lulju 2011 meta allura l-ulied kellhom 22 sena u 17-il sena, u allura sa fejn applikabbli kellu jsir l-ezami tal-mezzi (li ma sarx) dettat mill-artikolu [precitat]."

40. Dan l-aggravju huwa gustifikat abbazi tal-konsiderazzjonijiet segwenti: li, ladarba l-ulied saru maggjorenni l-manteniment jispetta lilhom direttament u mhux lil ommhom minkejja li dawn ikunu ghadhom jghixu fid-dar matrimonjali ma' ommhom[14]. Barra minnhekk, kif jghid il-konvenut, ma saritx il-prova tal-mezzi finanzjarji tal-ulied kif rikjest mill-artikolu precitat.

41. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh.

*It-Tieni Aggravju tal-Appell Incidentali [Bejgh tal-Proprjeta']*

42. Dan l-aggravju jitratta dwar il-mod ta' qsim tal-proprjeta` immobbli deciz mill-ewwel Qorti. Il-konvenut jghid:

> "…. Jekk wiehed iqis li mir-rikavat tal-bejgh tat-tlett proprjetajiet tal-partijiet, l-esponent huwa intitolat jippreleva b'kollox €96,789 jista' jigi assenjat lilu jew il-fond f'Tas Sliema jew dak fir-Rabat Ghawdex u jsir il-qsim appozitu bejn il-partijiet mir-rikavat tal-bejgh taz-zewg fondi l-ohra minghajr ma jkun hemm bzonn li jinbiegh kollox. B'hekk l-appellanti tkun qed thallas b'sehemha minn wiehed mill-fondi imsemmija li jigi assenjat lill-esponent parti mill-prelevament pagabbli lill-esponent, filwaqt illi mir-rikavat tal-bejgh taz-zewg fondi l-ohra isiru l-aggustamenti opportuni."

[14] App.C 15/14 **Maria Concetta Spiteri et v. Emanuel Spiteri**, 28 April 2017.

43. L-attrici tirrispondi hekk ghal dan l-aggravju:

> "… l-esponenti umilment temmen li l-immobbli jistghu jigu divizi, ghaliex huma divizibbli, bl-aggustamenti opportuni kif imsemmi fl-appell incidentali permezz ta' ekwiparazzjoni kif ikun mehtieg, u l-esponenti tixtieq li l-fond fi Triq Imrabat, Sliema dejjem jekk jigi assenjat lilha, tghaddih lit-tifel tal-kontendenti halli jkun jista' jistabbilixxi hajtu ghall-futur tieghu….."

44. Din il-Qorti tosserva li jidher li z-zewg partijiet huma propensi li ma tinbieghx il-proprjeta` immobiljari kollha u li tnejn mit-tliet fondi jigi assenjat wiehed lil kull parti. Mill-parti relevanti tas-sentenza appellata jirrizulta li, apparti mill-lokazzjoni tal-fond matrimonjali sitwat il-Belt Valletta, il-partijiet fiz-zwieg akkwistaw is-segwenti fondi formanti parti mill-assi tal-kommunjoni tal-akkwisti: [1] il-fond nru. 20 Triq l-Imbrabat Tas-Sliema tal-valur ta' €151,409, [2] il-fond nru 28 Sqaq Nru.1 Triq San Gorg ir-Rabat Ghawdex tal-valur ta' €151,409 u, [3] il-garaxx bl-isem 'Joe Garage' Triq Kent il-Fgura tal-valur ta' €26,788.

45. Fid-dawl tal-premess, <u>minghajr pregudizzju ghall-krediti parafernali dovuti lill-konvenut fil-konfront tal-kommunjoni tal-akkwisti</u>, jigifieri ta' €18,000 u €78,789.15, din il-Qorti qed tassenja l-fond nru. 20 Triq l-Imbrabat Tas-Sliema lill-attrici b'dak kollu li hemm fih, filwaqt li tassenja lill-konvenut il-fond nru 28 Sqaq Nru.1 Triq San Gorg ir-Rabat Ghawdex b'dak kollu li hemm fih. Il-garaxx jinbiegh kif deciz fis-sentenza appellata bir-rikavat, wara li jithallsu l-krediti dovuti, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

46. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh fil-limiti tal-konsiderazzjonijet premessi.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell principali u mill-appell incidentali bil-mod segwenti:

[1] Tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti sabet htija ghas-separazzjoni da parti tal-attrici u minflok, tiddikjara li l-htija tirrisjedi unikament fuq il-konvenut minhabba ingurja gravi u adulterju da parti tieghu;

[2] Tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ordnat li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' sebat elef u mitejn ewro (€7,200) riferribbilment ghat-tielet talba;

[3] Tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ordnat li l-postijiet 20 Triq l-Imbrabat Sliema u Sqaq nru 1 Triq San Gorg, Rabat Ghawdex jigu mibjugha fuq is-suq miftuh u minflok, tassenja l-ewwel post bl-ghamara li hemm fih lill-attrici u t-tieni post bl-ghamara li hemm fih lill-konvenut;

[4] Tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ordnat li ghandu jithallas l-imghax legali fuq l-ammonti ta' tmintax-il elf ewro

(€18,000) u tmienja u sebghin elf u seba' mija disgha u tmenin ewro u hmistax-il centezmu (€78,789.15);

[5] Tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ordnat li mhux ser tistabbilixxi somma ta' flus pagabbli mensilment lill-attrici mill-konvenut u minflok, tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghaliha fl-ammont ta' mitejn u hamsin ewro (€250) kull erba' gimghat li jizdied kull sena skont l-indici ufficjali tal-gholi tal-hajja u li dan il-manteniment ma jigix ridott anke jekk l-attrici ssib xoghol *part time* biex tghin lilha innifisha; tippreciza li s-sehem tal-konvenut fil-mobbli kollha, ghajr ghal dawk parafernali tal-konvenut, ezistenti fid-dar matrimonjali qed jigi assenjat lill-attrici bhala kumpens tax-xoghol kollu li l-attrici ghamlet ghall-bzonnijiet tal-familja tul il-konvivenza matrimonjali.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jigu sopportati kollha mill-konvenut; filwaqt li dawk relatati mal-appell principali jkunu a kariku tal-konvenut in kwantu ghal tliet kwarti [$^{3}/_{4}$] u r-rimanenti kwart [$^{1}/_{4}$] ikun a kariku tal-attrici; l-ispejjez tal-appell incidentali jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm